MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-4 ta' Mejju, 2022

Appell Inferjuri Numru 97/2021 LM

**Araceli Porras Leon (PA1078585) rappreżentata f'dawn il-proċeduri mill-mandatarju speċjali tagħha l-Avukat Dottor Pio M. Valletta in forza ta' prokura speċjali**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Air X Charter Limited (C 59616)**
*('is-soċjetà appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Air X Charter Limited (C59616)**, [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'], mid-deċiżjoni preliminari mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'],

fl-14 ta’ Settembru, 2021, li permezz tagħha t-Tribunal ċaħad l-eċċezzjoni preliminari sollevata mis-soċjetà appellanta, u ordna l-prosegwiment tal-każ ippreżentat mir-rikorrenti **Araceli Porras Leon (PA1078585)** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellata’] fejn qed titlob lit-Tribunal jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impjieg tagħha mis-soċjetà intimata kienet inġusta, u sabiex jiffissa u jordna l-likwidazzjoni ta’ kumpens ġust a favur tagħha. Is-soċjetà appellanta ħassitha aggravata b’din id-deċiżjoni u intavolat minnha dan l-appell.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-proċeduri odjerni huma limitati għall-kwistjoni dwar meta r-rikorrenti ġiet notifikata bit-terminazzjoni mill-impjieg, u għall-kwistjoni dwar jekk il-proċeduri ppreżentati minnha quddiem it-Tribunal Industrijali, ġewx mibdija entro t-terminu ta’ erba’ xhur jew le.

**<u>Mertu</u>**

3. Fir-rikors tagħha quddiem it-Tribunal Industrijali, ir-rikorrenti spjegat li hija ġiet impjegata mas-soċjetà intimata fil-11 ta’ Settembru, 2016, bħala *cabin crew member* għal żmien indefinit, permezz ta’ kuntratt ta’ impjieg tal-5 ta’ Settembru, 2016. Ir-rikorrenti kellha wkoll ir-rwol ta’ *cabin crew training instructor* mas-soċjetà intimata. Ir-rikorrenti spjegat li fl-20 ta’ April, 2020, il-*manager* tar-riżorsi umani tas-soċjetà intimata kien bagħat għaliha u għarrafha

li l-bażi operattiva tas-soċjetà intimata kienet inbidlet, u għaldaqstant talabha tinfurmah jekk hija kinitx disposta tirriloka lejn il-bażi l-ġdida fl-Ingilterra b'kundizzjonijiet tal-impjieg ġodda u differenti minn dawk li kellha qabel, u fin-nuqqas li taċċetta dan, l-impjieg tagħha kien ser jiġi tterminat. Ir-rikorrenti spjegat li hija rrispondiet billi staqsiet jekk kienx possibbli għaliha li tkompli d-doveri tagħha skont il-kuntratt ta' impjieg bħala parti mill-ekwipaġġ li jservi fuq ajruplani żgħar, bl-iskop li ma jkollhiex għalfejn tirriloka ruħha, filwaqt li setgħet tibqa' taqdi d-doveri tagħha fuq ajruplani żgħar u kbar bħala istruttriċi. Ir-rikorrenti qalet li l-*manager* tas-soċjetà intimata wieġeb għall-*email* tagħha bi proposta li kienet agħar minn dik oriġinali, u għalhekk hija bagħtet *email* oħra fejn talbet xi kjarifiki u ressqet il-kummenti tagħha. Għal din l-*email* tar-rikorrenti, il-*manager* tas-soċjetà intimata wieġeb li s-soluzzjonijiet proposti minnha ma setgħux jiġu aċċettati, kif ukoll indika b'mod ċar li l-kundizzjonijiet tax-xogħol tar-rikorrenti marbuta meta ssir ir-rilokazzjoni tagħha, kienu ser ikunu agħar minn dawk attwalment applikabbli. Ir-rikorrenti qalet li segwew diversi skambji ta' *emails* sakemm fit-8 ta' Ġunju, 2020, l-istess *manager* bagħat *email* oħra lir-rikorrenti li fiha spjega li hu kien qiegħed jifhem li din qiegħda tirrifjuta li tirriloka u għaldaqstant akkordalha jumejn żmien sabiex jew taċċetta jew tiddeklina l-offerta li saritilha. Ir-rikorrenti bagħtet *email* oħra fid-9 ta' Ġunju, 2020, fejn din infurmat lill-*manager* li hija kienet qiegħda taċċetta li tirriloka, iżda li ma setgħetx tifhem għal liema raġuni dan kien sejjer ifisser tibdil fil-kundizzjonijiet tal-impjieg tagħha. Il-*manager* tas-soċjetà intimata wieġeb li r-rilokazzjoni tagħha kienet marbuta ma' kundizzjonijiet ta' impjieg ġodda u talabha twieġbu fi żmien jumejn. Fis-17 ta' Ġunju, 2020, ir-rikorrenti bagħtet

tinforma lill-istess *manager* li hija la kienet f'qagħda li taċċetta u lanqas li tiddeklina l-offerta li saritilha, u li hija kienet lesta li tirriloka sakemm iżżomm l-istess kundizzjonijiet ta' impjieg li kellha qabel. Qalet li għal din ir-risposta, il-*manager* reġa' bagħat jinfurmaha li huwa kien kuntent li r-rikorrenti kienet lesta li tirriloka, iżda l-kundizzjonijiet tal-impjieg il-ġodda kellhom ikunu dawk li qegħdin jiġu offruti lilha. Ir-rikorrenti spjegat li d-deċiżjoni tagħha kienet li hija kienet qiegħda taċċetta li tirriloka, iżda mhux il-kuntratt il-ġdid offrut lilha, u ippreċiżat li hija ma kinitx qegħda tirriżenja għaliex hija kienet disposta li tibqa' taqdi d-doveri tagħha fil-bażi operattiva l-ġdida skont il-kundizzjonijiet tal-impjieg li kellha. Ir-rikorrenti nfurmat lis-soċjetà intimata li f'każ li din kienet ser tagħżel li tittermina l-impjieg tagħha, hija kienet ser tkun qed tagħmel dan b'mod unilaterali. Fl-24 ta' Ġunju, 2020, is-soċjetà intimata infurmat lir-rikorrenti li l-impjieg tagħha kien qiegħed jiġi tterminat. Fis-27 ta' Ġunju, 2020, ir-rikorrenti kitbet mill-ġdid lis-soċjetà intimata fejn talbet li d-data tat-terminazzjoni kkomunikata lilha tiġi korretta għall-24 ta' Ġunju, 2020, id-data meta hija rċeviet il-komunikazzjoni dwar it-terminazzjoni tal-impjieg tagħha. Ir-rikorrenti talbet ukoll 35% tas-salarju ta' April 2020 u 30% tas-salarju ta' Mejju 2020, li tnaqqsu mingħajr l-approvazzjoni tagħha, mingħajr ma kien hemm riduzzjoni fis-sigħat tax-xogħol jew l-awtorizzazzjoni tad-Direttur tax-Xogħol għal tali tnaqqis skont il-liġi. Ir-rikorrenti spjegat li hija kienet inkluża fir-*roster* tax-xahar ta' Mejju. Ir-rikorrenti qalet li fit-23 ta' Lulju, 2020, hija rċeviet telefonata mingħand l-istess *manager* li infurmaha li s-soċjetà intimata kienet indunat li kien għad hemm xi ħlas dovut lilha, u kien anki staqsa lir-rikorrenti jekk hija xtaqitx taħdem mas-soċjetà intimata għal żmien ġimgħa. Ir-rikorrenti

qalet li hija rrifjutat din il-proposta, iżda ħadet l-opportunità sabiex tiddiskuti l-pendenzi li kien għad hemm bejn il-partijiet, fosthom il-flus li kienu dovuti lilha, id-data tat-terminazzjoni tal-impjieg tagħha u d-dokument uffiċjali tat-terminazzjoni tagħha. Ir-rikorrenti qalet li fil-31 ta' Lulju, 2020 hija bagħtet *email* lill-istess *manager* fejn għamlet proposta għal ftehim bonarju bejn il-partijiet, fosthom fir-rigward tal-fatt li 35% tas-salarju tagħha għal April 2020 kien inqata' mingħajr l-awtorizzazzjoni tagħha, li kien inqata' ukoll mingħajr l-awtorizzazzjoni tagħha 30% tas-salarju tagħha għal Mejju 2020, is-salarju kollu għall-perijodu bejn l-1 ta' Ġunju u l-24 ta' Ġunju, 2020 ma kienx ingħata, kif ukoll fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għax-xahar ta' Ġunju, 2020. Ir-rikorrenti qalet li din il-proposta tagħha baqgħet mhux imwieġba.

4. Is-soċjetà intimata fir-risposta tagħha qalet li l-impjieg tar-rikorrenti ġie tterminat fl-24 ta' April, 2020, u għalhekk il-każ tar-rikorrenti ddekada għaliex kienu għaddew ferm aktar minn erba' xhur mit-tkeċċija sakemm il-każ tressaq quddiem it-Tribunal mir-rikorrenti. Is-soċjetà intimata spjegat li l-offerta li saret lir-rikorrenti li din tirriloka lejn il-bażi ta' Stansted, kienet l-unika alternattiva li s-soċjetà kellha sabiex taċċerta l-kontinwità tal-operat sal-aħjar grad li setgħet, filwaqt li tissalvagwardja l-impjiegi. Qalet li kieku tali ristrutturar ma sarx u kollox baqa' kif kien qabel feġġet il-pandemija tal-Covid-19, ir-rikorrenti u bosta impjegati bħalha xorta waħda kienu ser jispiċċaw mingħajr impjieg, u kien hemm dubji dwar kemm is-soċjetà intimata setgħet tibqa' vijabbli għal tul ta' żmien.

5. Inġabu diversi provi quddiem it-Tribunal, fosthom kopja tal-korrispondenza li għaddiet bejn il-partijiet li tagħti sfond għat-tilwima odjerna, u kopja tal-kuntratt ta' impjieg tar-rikorrenti mas-soċjetà intimata. Quddiem it-Tribunal xehed ukoll **Robert Fenech**, Kap tat-Taqsima tar-Riżorsi Umani mas-soċjetà intimata, li spjega li kien minħabba l-problemi li ġabet magħha l-pandemija li s-soċjetà intimata kellha tieħu d-deċiżjoni li tirriloka għadd ta' impjegati li kellha jaħdmu magħha. Dan ix-xhud qal li d-data tat-terminazzjoni effettiva tal-impjieg tar-rikorrenti kienet l-24 ta' April, 2020. Ir-rikorrenti ppreżentat ukoll kopji ta' *emails* skambjati bejnha u l-Kap tat-Taqsima tar-Riżorsi Umani tas-soċjetà intimata. Fis-16 ta' Ġunju, 2020, Fenech bagħat *email* lir-rikorrenti li testwalment taqra hekk:

> "*We will require your answer by not later than the 17.06.2020, upon which subject refusing and/or not acknowledging our offer, we will proceed with effecting the termination of employment procedure in terms of what is legally due.*"

6. F'*email* preċedenti, dik tat-8 ta' Ġunju, 2020, l-istess Fenech kien informa lir-rikorrenti illi:

> "*... we will await your definite reply to our offer by not later than the 10.06.2020 by noon, and we will be able to draft a new contractual agreement. Subject to refusing our offer, we will proceed with affecting ther termination of employment procedure.*"

## <u>Is-Sentenza Appellata</u>

7. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fl-14 ta' Settembru, 2021, it-Tribunal iddeċieda dwar l-eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà intimata billi ċaħadha, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*“**Introduzzjoni***

*Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta’ Rikors mill-Avv. Dr. Pio M. Valletta għan-nom tar-rikorrenti Araceli Porras Leon fir-Reġistru tal-Qrati Superjuri nhar l-10 ta’ Settembru, 2020, fejn iddikjara illi t-tkeċċija minn mas-soċjetà intimata ma saritx għal raġuni ġusta u sufficjenti.*

*It-Tribunal ħa konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-każ kif preżentati mill-partijiet, fejn sema’ x-xhieda mressqa min-naħat involuti, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ħa ‘in konsiderazzjoni’ l-argumenti kif ippreżentati fit-trattazzjonijiet tal-avukati difensuri.*

*...*

***Fatti fil-qosor tal-każ***

*Ir-rikorrenti kienet taħdem bħala Cabin Crew sa mill-11 ta’ Settembru, 2016 u li fl-20 ta’ April, 2020 irċeviet mis-soċjetà intimata korrispondenza fejn ġiet infurmata li se jkollha tiddelokalizza lejn l-Ingilterra. Hija talbet li tintbagħat fuq ajruplan iżgħar u b’hekk tevita li jkollha tiddelokalizza. Dan ġie rifjutat u hi min-naħa tagħha aċċettat li tiġi rilokalizzata iżda ma aċċettatx tnaqqis ta’ benefiċċji. Hija sussegwentement ġiet itterminata u tgħid li ngħatat ħlasijiet inqas milli filfatt kien dovut lilha. Sa ma ttieħdet din id-deċiżjoni għaddew xahrejn u mill-20 ta’ April filfatt ġiet infurmata li t-taħdidiet fallew u għalhekk ġiet itterminata, u ġiet infurmata b’dan fl-24 ta’ Ġunju, 2020. Madanakollu hija kienet infurmata li se titħallas sa April meta ġiet mogħtija l-aħbar u offruta l-proposta li r-rikorrenti filfatt ma aċċettatx fit-totalità tagħha għax irrifjutat it-tnaqqis ta’ benefiċċji, iżda aċċettat ir-rilokazzjoni. Ir-rikorrenti tgħid ukoll li kienet imniżżla fl-iskeda ta’ Mejju u allura ma setgħetx tiġi meqjusa tterminata f’April.*

*Fir-risposta tagħha, is-soċjetà qalet li dan il-każ huwa għal kollox dekadut għaliex għaddew aktar minn erba’ xhur sa meta l-istess każ ġie sottomess quddiem it-Tribunal u dan in vista tal-artikolu 75 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta’ Malta. Qalet ukoll li minkejja li s-suespost illi l-offerta għamluha lir-rikorrenti għal rilokazzjoni lejn il-bażi ta’ Stansted kienet l-unika alternattiva illi s-soċjetà kien baqgħalha sabiex taċċerta l-kontinwità tal-operat sal-aħjar grad li setgħet, u fl-istess waqt tissalvagwardja kemm impjiegi setgħet f’dak iż-żmien. Is-soċjetà qalet ukoll li kieku tali ristrutturar ma sarx u kollox baqa’ kif kien qabel laqtet il-pandemija tal-COVID-19 lir-rikorrenti, ħafna impjegati oħra xorta waħda kienu effettivament jispiċċaw mill-impjieg u kien ikun dibattibbli jekk is-soċjetà intimata setgħetx tibqa’ ħajja għal ħafna żmien.*

***Ġabra fil-qosor tax-xhieda***

***Robert Fenech*** *fil-kapaċità ta' Head of Human Resources mas-soċjetà intimata qal li lir-rikorrenti kienu nnotifikawha bl-iżvantaġġi li ġabet magħha l-pandemija u li l-aħjar deċiżjoni li setgħet tieħu sabiex jissalvagwardjaw l-impjiegi u għall-ġid tal-kumpannija kienu se jibdew joperaw minn Stansted, Londra. Huwa qal li għall-ewwel ir-rikorrenti aċċettat iżda bdiet kull darba ttawwal fit-talbiet. Huwa qal li hija taret l-aħħar darba fit-2 ta' April bid-data tat-terminazzjoni kellha tkun l-24 ta' April, 2020.*

*Għall-kontro-eżami x-xhud qal li minħabba li r-rikorrenti tgħix barra minn Malta ma kienx il-każ li jinnotifikaw lil Jobsplus bit-terminazzjoni tagħha. Għar-referenza għall-*monthly report*, ix-xhud spjega li dan ikun fil-forma ta'* excel sheet *li l-impjegati jimlew biex jitolbu xi ħlasijiet. Huwa qal li ma' dan ikunu inklużi l-irċevuti tal-infieq. Fil-każ tar-rikorrenti, ix-xhud qal li hi ma setgħetx tissostanzja dak li ppretendiet u dan għax f'Ġunju ma kinitx impjegata.*

*F'seduta oħra bi tkomplija għall-kontro-eżami x-xhieda qal li l-komunikazzjoni li seħħet bejnu u bejn ir-rikorrenti kienet tirrigwarda l-alternattiva li kienet qed tiġi offruta u mhux in kwantu n-*notice period*. Qal ukoll li l-kuntratt li kellha r-rikorrenti kien daqsxejn antik, u għalhekk il-ħsieb kien li l-ġdid jittejjeb għax kien hemm il-pjan li tirriloka ruħha lejn Londra.*

***Sinteżi tat-Trattazzjoni***

***Dr Pio M. Valletta*** *għar-rikorrent qal li minkejja li s-soċjetà qed tallega li d-data tat-terminazzjoni kienet l-24 ta' April, id-dokumenti u l-emails mill-kumpannija jgħidu xort'oħra. Huwa saħaq li d-data vera hi 17 ta' Ġunju, 2020 u dan huwa kkonfermat minn email li bagħat is-Sur Robert Fenech fis-16 ta' Ġunju fejn jgħid li qed jistennew ir-risposta, biex ikunu jistgħu jipproċedu bit-terminazzjoni. Dr Valletta qal ukoll li f'email li ntbagħtet fl-20 ta' Mejju, 2020, ir-rikorrenti ġiet mgħarrfa li s-soċjetà mhijiex se tibqa' tirrikonoxxi l-ħlas ta' spejjeż tal-ivvjaġġar mill-Gran Kanari, fejn hi residenti r-rikorrenti, iżda l-bażi operattiva tas-soċjetà intimata ser tkun fi Stansted Londra. Qal ukoll li fil-25 ta' Mejju, 2020 u t-3 ta' Ġunju, 2020, ir-rikorrenti kienet għadha fuq ir-roster tas-soċjetà. Dr Valletta rrefera għall-email tas-16 ta' Ġunju fejn intqal lir-rikorrenti li għadhom qed jistennew tweġiba nkella jkollhom jitterminaw l-impjieg tagħha.*

***Dr Patrick Farrugia*** *għas-soċjetà intimata qal li fl-email li ntbagħtet fl-20 ta' April, 2020, huwa ċar li r-rikorrenti kienet qed tiġi tterminata fl-24 t'April. Qal ukoll li għandha ssir distinzjoni fejn għidnielek li qed tiġi tterminat u fl-istess ħin qed*

*nippruvaw noffrulek alternattiva. Dr Farrugia qal ukoll li l-fatt li kienet fuq ir-roster kien hemm stand-by imma ma kinitx qed tidħol għax-xogħol. Qal ukoll li fl-20 ta' Ġunju, 2020 ir-rikorrenti ġiet infurmata b'email li qed tirċievi ħlas li jakkumpanja l-avviż tat-terminazzjoni, u li dan seħħ matul Mejju.*

***Dr. Roselyn Borg** għas-soċjetà intimata qalet li l-Liġi tax-Xogħol tgħid biċ-ċar li jekk ma jkunux għadhom għaddew sitt xhur bejn impjieg u ieħor u wieħed jiddeċiedi mod ieħor li jibqa' fi rwol differenti, ovvjament imbagħad isiru l-arranġamenti biex anke forsi jkun hemm kontinwazzjoni tal-impjieg. Għal din ir-raġuni s-soċjetà ma setgħetx iddaħħal il-karti kif suppost biex jaraw l-impjegata x'ser tagħmel.*

***Konsiderazzjonijiet***

*Sabiex it-Tribunal seta' jiddeċiedi preliminarjament jekk it-talba tas-soċjetà intimata lit-Tribunal biex jiddeċiedi jekk ir-riferta lit-Tribunal fil-każ odjern saritx wara li skadew l-erba' xhur mid-data tat-terminazzjoni,*

*Tenut kont tmien fatti li ħarġu waqt dan il-proċess u ċioe:*

*Li r-rikorrenti kienet impjegata mas-soċjetà sa mill-11 ta' Settembru, 2016 bħala Cabin Crew Member għal żmien indefinit;*

*Li r-rikorrenti ġiet infurmata fl-20 ta' April, 2020 li s-soċjetà se jkollha tirriloka lejn Londra u mhux aktar minn fejn kienet tgħix minħabba l-effetti tal-pandemija;*

*Li ġiet infurmata fl-istess email li se jkollha kundizzjonijiet ġodda u fin-nuqqas ta' qbil l-impjieg tagħha se jiġi tterminat;*

*Li r-rikorrenti talbet biex taħdem fuq ajruplani iżgħar biex tevita li tiġi rilokata;*

*Li ma kienx hemm qbil fuq il-proposti u dan seħħ bi skambju ta' serje ta' emails li baqgħu sejrin sa Ġunju 2020;*

*Li f'email mibgħuta fis-17 ta' Ġunju, 2020 li ntbagħtet lir-rikorrenti intqal lilha li s-soċjetà jifhmu u jaċċettaw id-deċiżjoni tagħha, liema deċiżjoni kienet li hija ma kinitx se tirreżenja u kuntenta tkompli x-xogħol minn bażi oħra iżda taħt l-istess kundizzjonijiet li kellha;*

*Li f'email oħra mibgħuta lir-rikorrenti mis-soċjetà fl-24 ta' Ġunju, 2020, jidher ċar li qed jintqal lilha li b'dispjaċir se jkollhom jitterminawha, dan dejjem jekk hija ma taċċettax l-offerta tal-kumpannija.*

*Li f'Mejju r-rikorrenti tħallset l-aħħar pagament kkunsidrati mis-soċjetà bħala l-ħlas tan-*notice period.

***Deċiżjoni***

*It-Tribunal ġie mitlub biex preliminarjament jiddeċiedi jekk il-każ odjern ġiex intavolat fi żmien stipulat ai termini tal-artikolu 75(3) tal-Kap. 452 tal-Liġjiet ta' Malta. It-Tribunal jinnota li s-soċjetà kellha l-intenzjoni primarjament li jekk ir-rikorrenti ma taċċettax li tiġi rilokata lejn Londra, u dan għaliex l-operat maġġur tal-kumpannija kien se jkun minn hemm minħabba ċ-ċirkostanzi li sabu ruħhom fihom minħabba l-pandemija, ir-rikorrenti kienet se tiġi tterminata fl-24 ta' April, 2020. Minkejja kollox isegwu sensiela ta' emails u skambji ta' proposti bejn il-partijiet li baqgħu sejrin sal-24 ta' Ġunju fejn kien għadu miftuħ il-proċess ta' negozjar biex ir-rikorrenti tinżamm impjegata mas-soċjetà b'kuntratt u kundizzjonijiet ġodda. Hija evidenti għal dan it-Tribunal li r-rikorrenti kull ma riedet taċċetta l-kundizzjonijiet kif offruti mis-soċjetà biex ma tiġix itterminata u mhux biex jitkompla xi proċess wara terminazzjoni.*

*Dan it-Tribunal ma jistax jistrieħ fuq xi* termination letter *li normalment tiġi reġistrata mal-Jobsplus, għax dan ma seħħx. Kieku dan it-Tribunal kellu jilqa' t-teżi li l-karti ma ddaħħlux, għax kienu għadhom qed jistennew risposta, dan il-fatt fih innifsu jixhed li t-terminazzjoni kienet għadha ma seħħitx la f'moħħ is-soċjetà u wisq anqas f'moħħ ir-rikorrenti. Kif jingħataw risposta definittiva kienu se jdaħħlu l-karti. Għal dan it-Tribunal jekk kienu fi stadju ta' diskussjonijiet, allura kienu għadhom qed jiddiskutu kontinwità ta' impjieg u mhux bidu ġdid. Li jiġu nnegozjati kundizzjonijiet ġodda, ma jfissirx li nbidel min iħaddem, iżda jfisser titjib jew le fil-kundizzjonijiet. Kollox jindika li x-xogħol offrut kien fl-istess kategorija iżda tirraporta minn post ieħor u b'xi tibdil fil-kundizzjonijiet offruti.*

*It-Tribunal jista' jistrieħ fuq x'ġie ppreżentat lilu, mod speċjali fl-iskambji ta' korrispondenza li damet sejra sa Ġunju. It-Tribunal ma jistax jinjora l-email tal-24 ta' Ġunju fejn is-soċjetà bl-aktar mod ċar qalet lir-rikorrenti li tinsab iddispjaċuta li d-diskussjonijiet wasslu għat-terminazzjoni tal-impjieg, dejjem jekk ir-rikorrenti ma taċċettax il-kundizzjonijiet offruti lilha. Għal dan it-Tribuanl l-impjieg qed jintemm b'din l-aħħar offerta u ma kienx mitmum qabel. Huwa ċar ukoll għal dan it-Tribunal li kieku r-rikorrenti kienet itterminata, lanqas bħala* 'stand by' *ma kienet tkun fuq ir-roster. Filfatt ir-rikorrenti kienet għadha mniżżla fix-xahar ta' wara d-data li s-soċjetà allegat li tterminata, jiġifieri wara April. Għal dan it-Tribunal lanqas ma jagħmel sens li f'Ġunju s-soċjetà tinforma lir-rikorrenti li fix-xahar ta' qabel, jiġifieri f'Mejju, kienet*

> *tħallset tan-*notice period*. Ma jagħmilx sens għal dan it-Tribunal li xi ħadd jinfurmak b'lura.*
>
> *Għaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi li r-rikors promutur ġie ntavolat entro termine. B'hekk jordna l-prosegwiment tal-każ."*

**L-Appell**

8. Is-soċjetà intimata appellat minn din id-deċiżjoni fit-23 ta' Settembru, 2021, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tħassar u tannulla d-deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Industrijali fl-ismijiet premessi, u tiddeċiedi li r-rikors promutur tal-appellata ġie sottomess *fuori termine* ai termini tal-artikolu 75(3) tal-Kap. 452.

9. Is-soċjetà appellanta spjegat li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tat-Tribunal, u dan għaliex l-appellata ġiet infurmata mis-soċjetà appellanta li l-impjieg tagħha kien qiegħed jiġi uffiċjalment itterminat fl-24 ta' April, 2020. Żiedet tgħid li minkejja dan, hija għamlet offerta ta' impjieg alternattiv lill-appellata, u għal diversi ġimgħat wara t-terminazzjoni tal-impjieg, kien hemm diskussjonijiet dwar l-imsemmija offerta, iżda l-appellata xorta waħda kkonkludiet li ma xtaqitx l-impjieg alternattiv offrut lilha, u għalhekk in-negozjati bejn il-partijiet ġew fi tmiemhom fl-24 ta' Ġunju, 2020. Is-soċjetà appellanta qalet li fil-fehma tagħha t-Tribunal Industrijali ma ddeċidiex b'mod ġust u ekwu meta ddeċieda li l-jum tat-terminazzjoni tal-impjieg kien l-24 ta' Ġunju, 2020, minflok l-24 ta' April, 2020. Qalet li skont l-artikolu 75(3) tal-Kap. 452, kull riferta quddiem it-Tribunal għandha ssir mhux aktar tard minn erba' xhur mid-data effettiva tal-ksur allegat. Fil-fehma tas-soċjetà appellanta, il-kliem *'ksur allegat'* qiegħed jirreferi għat-terminazzjoni tal-impjieg, u t-terminu ta' dekadenza

għandu jibda jiddekorri minn dakinhar li l-impjieg jiġi tterminat. Is-soċjetà appellanta qalet li f'dan il-każ ma mtliet l-ebda formula tat-terminazzjoni tal-impjieg ma' Jobsplus għaliex l-appellata tgħix u taħdem barra minn Malta, iżda għaliha huwa ċar li t-Tribunal Industrijali ma ngħatax informazzjoni korretta dwar id-data tat-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellata. Is-soċjetà appellanta qalet li huwa ċar li d-data tat-terminazzjoni hija d-data meta l-impjegat jiġi direttament infurmat bit-terminazzjoni, irrispettivament mill-fatt li wara din id-data kien hemm komunikazzjoni bejn il-partijiet. Is-soċjetà appellanta żiedet tgħid li m'hemmx dubju li l-perijodu ta' dekadenza beda jiddekorri mid-data effettiva meta ġiet komunikata t-terminazzjoni tal-impjieg, u mhux mid-data minn meta fallew in-negozjati dwar xi offerta alternattiva wara t-terminazzjoni tal-istess impjieg. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal għażel li jinjora l-fatt li t-terminazzjoni kienet ġiet ikkomunikata lill-appellata f'April, 2020, tant hu hekk li f'Mejju tal-2020 din tħallset il-perijodu tan-*notice* tagħha kif kien dovut lilha.

**<u>Ir-risposta tal-appell</u>**

10. Fir-risposta tagħha l-appellata wieġbet li preliminarjament l-appell interpost mis-soċjetà appellanta huwa null u bla effett, u għandu jiġi ddikjarat bħala tali stante li mhuwiex ibbażat fuq punt ta' liġi. Qalet li t-Tribunal iddeċieda li fuq skorta ta' fatti li rriżultaw mill-provi, b'mod partikolari l-iskambju tal-korrispondenza li kien hemm bejn il-partijiet, it-terminazzjoni seħħet fl-24 ta' Ġunju, 2020, u għalhekk ir-rikors tal-appellata kien sar fiż-żmien previst. Qalet li din hija konstatazzjoni ta' fatt u mhux xi interpretazzjoni jew applikazzjoni ta' xi

disposizzjoni tal-liġi. L-appellata qalet li d-deċiżjoni tat-Tribunal tal-14 ta' Settembru, 2021 timmerita konferma u dan għaliex id-deċiżjoni hija mill-bidu sal-aħħar eżerċizzju ta' konsiderazzjoni u valutazzjoni ta' fatti ppruvati. Qalet li l-ġudikant adit mill-mertu għandu poter diskrezzjonali ampju li mir-riżultanzi probatorji jqis dawk il-provi u fatti li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Qalet li għalhekk il-konsiderazzjoni u l-valutazzjoni tal-ġudikant fl-ewwel grad hija insindakabbli mill-qorti ta' reviżjoni jekk tirriżulta loġika u koerenti mill-elementi ta' provi utilizzati u sostnuti minn motivazzjoni adegwata konformi mal-kriterju loġiku segwit. L-appellata kkonkludiet billi qalet li l-evalwazzjoni tal-fatti u taċ-ċirkostanzi li jemerġu mir-riżultanzi probatorji u mill-istqarrijiet tar-rappreżentanti legali tal-partijiet, wieħed għandu jasal għall-konklużjoni li r-rikors promutur tagħha sar fit-terminu stabbilit.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

11. Il-Qorti hija tal-fehma li ladarba l-kwistjoni sollevata mis-soċjetà appellanta hija dwar jekk ir-rikors tal-appellata ġiex intavolat entro t-terminu ta' erba' xhur stipulati fil-liġi, u safejn l-eżami li trid tagħmel din il-Qorti jinvolvi d-determinazzjoni ta' meta effettivament ġie tterminat l-impjieg tal-appellata mas-soċjetà appellanta, din il-kwistjoni tinkwadra ruħha perfettament fit-termini tal-artikolu 75(3) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk hija kwistjoni li għandha tiġi kkonsidrata minn din il-Qorti qabel kull ħaġa oħra sabiex tiġi evitata sitwazzjoni fejn il-proċeduri mibdija mir-rikorrenti jitkomplew meta

mhux suppost jitkomplew. Il-Qorti tfakkar li kwistjonijiet dwar aderenza mat-termini stipulati fil-liġijiet tagħna, huma ta' ordni pubbliku u għalhekk dan l-appell m'għandux jiġi miċħud sempliċement għaliex il-Qorti qiegħda tintalab teżamina l-fatti mill-ġdid sabiex tistabbilixxi jekk l-appellata daħħlitx ir-rikors tagħha entro t-terminu jew le.

*L-aggravju tas-soċjetà appellanta: [l-appellata ppreżentat ir-rikors tagħha tardivament]*

12. Is-soċjetà appellanta esprimiet nuqqas ta' qbil mad-deċiżjoni tat-Tribunal, fejn iddeċieda li l-appellata aġixxiet *entro* t-terminu ta' erba' xhur stabbilit fil-liġi sabiex ressqet l-ilment tagħha. Is-soċjetà appellanta ssostni li l-impjieg tal-appellata ġie tterminat fl-24 ta' April, 2020, imma l-appellata tikkontendi li hija ġiet infurmata li l-impjieg tagħha ġie tterminat *b'email* li ntbagħtet lilha fl-24 ta' Ġunju, 2020. Il-Qorti eżaminat l-atti proċesswali kollha, minn fejn jirriżulta li ftit wara li bdiet il-pandemija tal-COVID-19, is-soċjetà appellanta, li hija nvoluta fis-settur tal-avjazzjoni, sabet ruħha f'sitwazzjoni diffiċi fejn sabiex tibqa' vijabbli kellha tinforma lill-impjegati tagħha li dawn kellhom jirrilokaw għall-bażi tagħha fi Stansted fl-Ingilterra, u din il-bidla kienet ser timplika ukoll tibdil fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-impjegati. L-appellata ġiet infurmata b'dan permezz ta' *email* mibgħuta lilha fl-20 ta' April, 2020, u r-reazzjoni immedjata tal-appellata kienet li tipprova tinnegozja sabiex ma jkollhiex għalfejn tirriloka, u għalhekk talbet li tibda taqdi dmirha fuq ajruplani żgħar tas-soċjetà appellanta, filwaqt li tibqa' toffri taħriġ lil membri tal-ekwipaġġ. Il-korrispondenza bejn il-partijiet damet għaddejja għadd ta'

ġimgħat, iżda minn dak li setgħet tikkonstata l-Qorti, l-appellanta qatt ma infurmat lill-appellata li l-impjieg tagħha kien qiegħed jiġi tterminat. Għall-kuntrarju, kien biss f'Ġunju li l-*manager* tar-riżorsi umani tas-soċjetà appellanta beda jippressa lill-appellata biex jew taċċetta l-kundizzjonijiet ġodda li kienu qegħdin jiġu offruti lilha, jew inkella tikkonsidra li l-impjieg tagħha kien qiegħed jiġi tterminat. Waqt li kienet għaddejja din il-korrispondenza bejn il-partijiet, l-appellata ġiet inkluża wkoll fir-*roster* tax-xahar ta' Mejju, u ntalbet tkun *on standby.* Dan fi żmien meta fid-dinja kien hawn restrizzjonijiet kbar fuq l-ivvjaġġar internazzjonali minħabba l-pandemija. Il-Qorti tqis li fl-*email* tat-8 ta' Ġunju, 2020, il-*manager* tas-soċjetà appellanta talab lill-appellata tiddeċiedi fi żmien jumejn jekk kinitx qiegħda taċċetta l-offerta li saritilha. F'*email* tad-9 ta' Ġunju, 2020, l-appellata infurmat lis-soċjetà appellanta li hija kienet qiegħda taċċetta li tirriloka, iżda li ma kinitx qiegħda tifhem għal liema raġuni hija kienet ser ikollha tnaqqis fil-kundizzjonijiet tal-impjieg tagħha. F'*email* tas-16 ta' Ġunju, 2020, is-soċjetà appellanta infurmat lill-appellata li kienet qiegħda tistenna risposta mingħandha, inkella l-impjieg tagħha kien ser jiġi tterminat. It-tweġiba tal-appellata kienet li f'każ li l-impjieg tagħha kien ser jiġi tterminat, tali terminazzjoni kienet waħda unilaterali għaliex hija fl-ebda waqt ma wriet il-ħsieb li tittermina l-impjieg tagħha. Kien permezz tal-*email* tal-24 ta' Ġunju, 2020, li s-soċjetà appellanta infurmat lill-appellata li l-impjieg tagħha kien qiegħed jiġi tterminat, sakemm din ma taċċettax l-offerta li saritilha mill-kumpannija.

13. Il-Qorti tqis li kien biss permezz tal-*email* tal-24 ta' Ġunju, 2020, li s-soċjetà appellanta għall-ewwel darba infurmat lill-appellata li kienet qiegħda

titterminalha l-impjieg. Il-Qorti, filwaqt li tifhem li l-perijodu bejn April u Ġunju tal-2020 kien wieħed mill-aktar diffiċli għall-industrija tal-avjazzjoni, madanakollu s-sottomissjoni tas-soċjetà appellanta li l-impjieg tal-appellata kien ġie tterminat f'April, ma tistax tiġi aċċettata, u dan għaliex l-appellata kienet inkluża fir-*roster* tax-xahar ta' Mejju u ntalbet toqgħod *on standby.* Kienet biss is-sitwazzjoni tal-pandemija li ċaħdet lill-appellata mill-opportunità li ttir u li tippresta s-servizzi tagħha fuq l-ajruplani tas-soċjetà appellanta, u mhux il-fatt li l-impjieg tagħha ġie tterminat. It-terminazzjoni tal-impjieg ta' membru tal-ekwipaġġ fuq linja tal-ajru, ma tfissirx li dak il-membru tal-ekwipaġġ jintalab jibqa' għad-dispożizzjoni tal-linja tal-ajru li timpjegah, f'każ li tinqala' l-ħtieġa li dan iservi fuq xi waħda mit-titjiriet tagħha. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti qiegħda tiċħad l-aggravju tas-soċjetà appellanta, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali li f'dan il-każ l-impjieg tal-appellata ġie tterminat fl-24 ta' Ġunju, 2020 u mhux qabel.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanta billi tiċħdu, tikkonferma d-deċiżjoni tat-Tribunal, u b'hekk tordna l-prosegwiment tal-kawża bejn il-partijiet, u għalhekk l-atti jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**